MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2439/2000/1

**Justin Caruana.**

**-vs-**

**Kummissjarju tal-Artijiet u b'digriet tal-21 ta' Frar, 2001 gie kjamat in kawza d-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien jghix fil-fond 9, Block 1, War Victims Str., Senglea sa mit-3 ta' Lulju 1991 flimkien maz-ziju tieghu Sviour Caruana, li kien jokkupa dan il-fond b'titolu ta

lokazzjoni mill-konvenut flimkien ma’ garaxx bin-numru 10, Block 2, Pjazza Gorg Mitrovich, Senglea.

Illi wara l-mewt tal-imsemmi, l-attur baqa’ jghix fl-fond u jokkupa l-istess garaxx, u fil-fatt id-Dipartiment tal-Artijiet ghamel spezzjonijiet regolari u dejjem sabu hemm u ghalhekk kellu jigi rikonoxxut bhala inkwilin tal-istess izda gie rikonoxxut biss bhala inkwilin tal-garaxx.

Illi minkejja dan kollu l-konvenut ordna lill-attur sabiex jizgombra mill-fondijiet fuq imsemmija u pproceda fuq din il-linja u zgumbrah mill-9, Block 1, War Victims Str., Senglea u qieghed issa jipprocedi sabiex jizgumbrah mill garaxx ukoll.

Illi l-attur ghamel kull sforz sabiex jipprova jibqa gewwa dawn il-postijiet bil-kelma t-tajba izda ma rnexxilux u ghalhekk din l-kawza qedha tigi presentata sabiex jigi dikjarat u deciz li l-attur ghandu titolu validu ta lokazzjoni fuq l-fondi imsemmija u sabiex kwantu ghall-fond 9, Block 1, War Victims Str., Senglea li huwa jerggha jigi rientigrat fil-pussess.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-attur ghandu titolu validu fil-ligi ta lokazzjoni fuq il-fondi fil-fond 9, Block 1, War Victims Str., Senglea u tal-garaxx 10, Block 2, Pjazza Gorg Mitrovich, Senglea.

2. tiddikjara u tiddeciedi li l-izgumbrament li sar mill-konvenut fil-konfront tal-attur kien irritu u null u ma setghax isir ai terminu tal-ligi.

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu pregiss li jerggha jirrijintegra lill-attur fil-pussess tal-fond 9, Block 1, War Victims Str., Senglea.

Bl-ispejjes l-konvenut mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut il-Kummissarju tal-Artijiet ipprezentata fis-26 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi l-attur ma ghandu ebda titolu validu fil-ligi fuq il-fondi in kwistjoni u dana stante li l-fondi ma kienux isejhu lilhu izda lil certu Saviour Caruana (Dok A u Dok B rispettivament).

2. Illi in kwantu l-fond numru 9, Block 1, War Victims Street, Senglea, dan il-fond huwa dar residenzjali u t-talba ghar-rikjonoxximent giet michuda mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali (Dok. C.)

3. Illi ghaldaqstant il-gudizzju mhux integru minghajr il-kjamat in kawza tad-Diparitment ghall-Akkomodazzjoni Socjali.

4. Illi in kwantu il-fond numru 10, Flat 2, Pjazza Gorg Mitrovich, Senglea, dan il-fond ma jistax jigi trasferit jekk mhux permezz ta' sejha ghall-offerti u dana abbazi ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut il-Kummissarju tal-Artijiet mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Frar, 2001 li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza d-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Socjali.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kjamat in kawza d-direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali pprezentata fit-30 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi fl-ewwel lok din l-azzjoni hija afflitta minn karenza ta' interess guridiku u ta' fondament guridiku stante li l-attur ma ghandu ebda drittijiet fuq il-fond 9, Block 1, War Victims Street, billi la hu s-sid taghhom u

lanqas ma kien il-kerrej taghhom. Ghaldaqstant, l-ewwel talba attrici ghandha tigi respinta.

2. Illi inoltre huwa biss f'kaz li l-agir ta' l-eccipjent Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali jaqa' taht xi wiehed mill-parametri elenkati fl-Artikolu 469A li l-Qorti tista' tissindika l-agir tieghu u tordnalu jbiddel id-decizjoni tieghu. L-eccipjent zgombra lill-attur wara li iddecieda li ma jaccettahx bhala inkwilin gdid tal-fond in kwistjoni.

3. Illi ghaldaqstant, it-tieni u t-tielet talba attrici m'ghandhomx jintlaqghu stante li mhuwiex permess taht l-istess Artikolu 469A li din l-Onorabbli Qorti tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tal-konvenut. Din il-Qorti tista' biss tordna lill-eccipjent sabiex jirrevedi tali decizjoni jekk issib li din tkun ittiehdet b'mod inkorrett kif jispecifika l-istess Artikolu 469A.

4. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent jiddikjara li id-decizjoni lamentata mill-attur ma taqa' taht l-ebda wiehed mis-subincizi ta' l-Artikolu 469A. Dan ghaliex tali decizjoni:

i) ma tiksirx il-Kostituzzjoni;

ii) ma hix *ultra vires*, ghax l-esponent kellu dritt li jehodha taht il-Kap. 125, u segwa l-procedura normali li soltu tittiehed f'kazijiet bhal dawn, u inoltre il-principji tal-gustizzja naturali gew rispettati safejn japplikaw f'dan il-kaz, billi l-fond huwa ta' l-istess Gvern u l-ebda persuna, inkluz naturalment l-attur, m'ghandu xi dritt li jigi rikonoxxut bhala inkwilin anki jekk ikun issoddisfa l-kriterji li normalment japplika d-Dipartiment;

iii) ma tikkostitwixxix abbuz ta' l-Awtorita' Pubblika, billi l-eghmil amministrattiv in kwistjoni sar ghal ghanijiet xierqa u kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet relevanti, billi l-ispirtu li anima lill-eccipjent biex jasal jiehu din id-decizjoni kienet il-htieg li jwettaq id-doveri tieghu lejn is-socjeta' b'mod imparzjali;

iv) lanqas ma tmur b'xi mod iehor kontra l-ligi. Dan ghaliex f'dan il-kaz il-Gvern ta' Malta, rapprezentat mill-eccipjent, huwa s-sid tal-fond u ghalhekk jista' jaghzel li jikrihom lil min irid. Inoltre, taht l-Artikolu 8 ta' l-Ordinanza li Tirregola l-Kiri mill-Gdid tal-Proprjeta', huwa mhuwiex l-marbut bir-regoli tal-Kap. 69 li jorbtu sidien ohrajn. Illi ghaldaqstant it-tieni u t-tielet talba attrici m'ghandhomx jigu milqugha.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kjamat in kawza d-direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-kawza ma tippresentax diffikolatjiet ghaliex il-Qorti ma tarax x'kawzali valida jista' jkollu l-attur li jipproponi din il-kawza.

Fi ftit kliem l-attur qed jippretendi illi l-konvenuti jikrulu l-fond fejn kien joqghod zijuh li miet meta skond l-attur hu kien joqghod mieghu u kien ilu jaghmel dan mill-1991.

Kif sewwa eccepixxa l-kjamat in kawza, l-attur ma ghandu ebda dritt fuq il-fond in kwistjoni. Ghalkemm il-Qorti ma taqbilx li huwa ma ghandux interess guridiku ghaliex hu car li jekk it-talba tieghu tintlaqa' jiehu beneficcju mis-sentenza, certament li l-kawza ma ghandha ebda fondament guridiku. Fil-waqt li hu minnu li meta kerrej imut, ikun protett membru tal-familja li jkun jabita mieghu fiz-zmien in kwistjoni skond il-Kapitolu 69, l-istess Kapitolu 69 il-Gvern ma hux marbut bhal sidien ohra li jirrikonoxxi tali persuni (Artikolu 8).

Ghalhekk hadd mill-konvenuti ma kellhom xi obbligu fil-konfront tieghu anzi kienu generuzi mieghu li hallewh (ghall-inqas sa issa) jokkupa l-garaxx li ukoll kien mikri lil zijuh.

Jekk l-attur isostni li saret xi forma ta’ diskriminazzjoni mieghu ghaliex f’cirkostanzi ohra, persuni ohra bbenefikaw minn kirjiet li kellhom xi nies jigu minnhom, il-kawza illi ppropona m’hijiex dik idoneja. Huwa car anke mic-citazzjoni tieghu illi hlief ghall-protezzjoni moghtija mill-Kapitolu 69 huwa ma jsemmi jew jirreferi ghall-ebda artikolu ta’ xi ligi ohra li jista’ jaghtih ragun. Kif gia’ inghad il-Kapitolu 69 ma japplikax ghall-kaz tieghu.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kjamat in kawza u tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------